# Min Huma l-Karmelitani?

**minn Patri Dijonis Attard O. Carm**

L-Għolja tal-Karmelu, fl-Art Imqaddsa, hija magħrufa l-aktar għar-rabta tagħha mal-Profeta Elija. Fis-seklu tnax, xi pellegrini li kienu ġew fl-Art Imqaddsa mill-Punent, aktarx bħala kruċjati, ħallew kollox u *fuq l-eżempju u l-imitazzjoni ta' dak il-bniedem qaddis u solitarju, il-Profeta Elija, għexu ħajja solitarja fuq l-għolja tal-Karmelu, ħdejn l-għajn magħruf bħala l-għajn ta' Elija. Bħal naħal tal-Mulej huma taw l-għasel tal-ħlewwa spiritwali fiċ-ċelel ċkejknin tagħhom qishom xehdiet.*

Bejn is-snin 1206 u 1214 dawn l-eremiti talbu u rċivew mingħand il-Patrijarka ta' Ġerusalemm, Albert, għamla ta' ħajja (regula) biex fuqha jfasslu ħajjithom. Hekk fil-ħemda u l-ġmiel ta' l-Għolja tal-Karmelu beda l-Ordni Karmelitan, aktar minn seba' mija u tmenin sena ilu.

## Matul iż-Żminijiet

Ftit wara l-għoti tar-Regula mill-Patrijiarka ta' Ġerusalemm, il-Karmelitani bdew iħallu l-Palestina u jerġgħu lura fl-Ewropa minħabba li l-kruċjati kienu qed jitilfu ftit ftit l-artijiet kollha li kienu rebħu fil-Palestina. L-ewwel kunventi fl-Ewropa kienu fi Sqallija, Franza u l-Ingilterra. Hawn il-Karmelitani filwaqt li żammew il-karatteristika tagħhom, ta' eremiti, bdew jingħataw għall-appostolat, u hekk l-aktar wara l-mitigazzjoni u l-kjarifikazzjoni tar-Regula mill-Papa Innoċenz IV fl-1247, bdew jieħdu l-għamla ta' Ordnijiet Mendikanti. Maż-żmien l-Ordni nfirex ħafna u sar magħruf l-aktar minħabba d-devozzjoni lejn il-Madonna u aktar tard minħabba l-għalliema tal-ħajja spiritwali li Alla qajjem fl-Ordni. Mill-bidu dehru fil-familja Karmelitana diversi qaddisin bħal San Albert ta' Sqallija, Sant'Andrija Corsini u San Pietru Tumas. Biż-żmien kull ħaġa titlef il-ħeġġa tal-bidu u jkollha bżonn tiġġedded. Dan ġara wkoll fl-Ordni Karmelitan. Hekk insibu fis-seklu ħmistax xi riformi ġo Firenze u Mantova fl-Italja u oħra fl-Isvizzera li mbagħad ingħaqdu fl-isem ta' Kongregazzjoni Mantovana.

Kongregazzjoni oħra kienet dik ta' Albi fi Franza, li bdiet fi tmiem is-seklu ħmistax. Il-Ġeneral ta' l-Ordni, il-Beatu Ġwanni Soreth, mexxa moviment ta' riforma fl-Ordni kollu u ta spinta biex il-Karmelu jiftaħ il-bibien tiegħu wkoll għan-nisa.

L-aktar riforma glorjuża u li kellha influss fl-Ordni kollu kienet dik ta' Santa Tereża ta' Avila megħjuna minn San Ġwann tas-Salib, li aktar tard saret Ordni ġuridikament separata. Dawn iż-żewġ dutturi tal-Knisja għaddew lill-Karmelu u lill-Knisja tagħlim sod, fuq il-ħajja spiritwali li huma kienu kisbu mill-esperjenza tagħhom.

Fis-sekli sittax u sbatax insibu r-riforma ta' Tours imsejħa *l-osservazzjoni aktar iebsa*. F'din ir-riforma ta' Tours insibu lil Ġwanni ta' San Sansun, Mikiel ta' Santu Wistin u għadd ta' reliġjużi oħra magħrufa għal qdusithom u għall-kitbiet axxetiċi tagħhom. Anke fis-seklu tagħna nsibu Karmelitani magħrufa għal qdusithom fosthom Swor Eliżabetta tat-Trinità u l-Beatu Titu Brandsma, martri tat-Tieni Gwerra Dinjija.

L-Ordni Karmelitan dejjem ta u għadu jagħti sehmu lill-Knisja. Illum insibu Karmelitani f'kull qasam ta' ħidma ekkleżjali, saħansitra ħidma kbira fil-missjonijiet, imma l-akbar sehem tagħhom hu fil-qasam ta' l-ispiritwalità.

## L-Ideal Karmelitan

Il-Karmelitani huma msejħa fuq kollox biex ikunu komunitajiet ta' talb għas-servizz ta' Kristu u tal-knisja. Dawn it-tliet elementi tal-vokazzjonijiet Karmelitana, jiġifieri servizz lil Kristu u lill-Knisja talb u fraternità, jidhru b'mod ċar fir-Regula ta' San Albert ta' Ġerusalem.

L-Ordni Karmelitan għandu xeħta u ħila li jagħti servizz ta' profeta li jgħallem, iwissi u jxandar l-istess Kelma ta' Alla fil-knisja.

Il-preżenza tal-Kariżma u ta' l-ideal Karmelitan, fin-naħiet fejn jgħidu dawk li huma mwarrbin jew mgħakksin tqanqal il-kuxjenza tal-membri kulfejn jinsabu, imħeġġin mill-eżempju tal-Madonna u ta' Sant'Elija. Fl-Ordni, isibu l-għajnuna kollha dawk li jħossu d-dmir li jgħixu ħajja li tidħol aktar 'il ġewwa fil-messaġġ ta' l-Evanġelu. Dan jagħmluh bit-taħriġ ta' kuljum u billi jitheġġu fit-talb, fil-ġustizzja u fl-imħabba ta' l-aħwa.

L-għan ta' l-Ordni Karmelitan, jiġifieri l-Ispiritwalità Karmelitana, miġbura flimkien mill-Ispirtu s-Santu huwa: a) nimxu wara Ġesù Kristu bħala aħwa ta' l-Imqaddsa Verġni Marija; b) ngħixu bħall-Profeta Elija fil-preżenza ta' Alla; ċ) naqdu fl-imħabba l-ħtiġijiet tal-Knisja u ta' xulxin.

## Il-Karmelu Ordni Marjan

Hekk kiteb il-Beatu Titu Brandsma: *L-Ordni hu kollu kemm hu marjan, mhux biss fl-isem imma wkoll fil-ħidma tiegħu: għax kieku ma kienx Marjan ma kienx ikun Karmelitan. L-Ordni Karmelitan hu essenzjalment Ordni Marjan. Ir-rabta tiegħu mal-Madonna tidher mill-bidu, minn meta l-ewwel Karmelitani bnew qalb iċ-ċelel tagħhom oratorju ddedikat lill-Verġni Marija. B'hekk huma kienu qegħdin jagħżluha bħala l-Patruna tagħhom u jikkonsagraw ħajjithom lilha, jingħataw għas-servizz tagħha. Hekk huma raw il-mudell perfett tagħhom.*

Għall-Karmelitani l-Madonna hija wkoll l-omm li tat il-ħajja lill-familja tagħha u bla heda tieħu ħsiebha u tmexxiha. Għalhekk il-Karmelitan mhux biss ifittex li jagħtiha ġieħ u jxandarha lil ħutu imma fuq kollox li jgħix il-ħin kollu magħqud magħha f'għaqda l-aktar intima u profonda. Hawn il-Karmelitan isib ukoll it-tnebbiħ biex ikun f'kollox ta' servizz għall-Knisja u għall-bnedmin, kemm bil-ħajja kontemplattiva tiegħu u kemm bil-ħidma tiegħu fid-dinja ta' llum.